MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1882/2002

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Anthony D'Alfonso abbazi tal-polza ta' assigur-zzjoni u tal-ligi u l-istess Anthony D'Alfonso**

**vs**

**Carmelo Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' tlett mija u disgha liri Maltin u sitt centezmi (Lm309.06) danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Jannar 2002 fi Triq il-Marfa, Mellieha waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura JAI 297 huwa habat mal-vettura DAD 147 ta' Anthony D'Alfonso u liema incident sehh tort tal-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza u ddikjara li ma kien involut fl-ebda incident tat-traffiku.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu tal-kawza sehh fl-20 ta' Jannar 2002 fi Triq il-Marfa, Mellieha, Ghadira. L-atur kien qieghed isuq vettura Toyota Tercell bin-numru DAD 147, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq vann Ford Transit bin-numru JAI 297.

2. Is-sewwieqa tal-vetturi taw verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. L-attur xehed li l-vann misjuq mill-konvenut ghadda minn fuq ix-xellug tieghu u laqat il-vettura Toyota Tercel *"fil-mudguard tan-naha tax-xellug ta' quddiem, u gibed mieghu il-headlamp u l-indicator"* [seduta tad-19 ta' Novembru 2002]. Min-naha l-ohra l-konvenut cahad kategorikament li kien involut f'incident tat-traffiku fl-20 ta' Jannar 2002. Verzjoni li nsibu wkoll fl-okkorrenza li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz: *"jiena kont ghaddej b'van no JAI 297 mill-Ghadira ghall-habta tal-11.30 a.m. u naf li dort mar-roundabout ta' hdejn is-seabank hotel izda fl-ebda hin ma naf li hbatt ma xi vettura ohra hekk kif dort lejn il-bypass tal-Mellieha"* [fol.11].

3. Xehed ukoll is-surgent PS 795 Joseph Debono li ddikjara:

- *"jiena l-van dortu u ma sibt l-ebda daqqiet fuq il-van"*;

- *"irrid nghid illi Carmelo Micallef, kif kellimtu l-ewwel darba, qalli illi ma kien involut fl-ebda habta"*;

- *“Jista jkun illi l-incident sehh is-Sibt u jiena rajtu t-Tnejn. Pero ftit granet jekk ghaddew, gurnata jew tnejn”*.

4. Mill-provi rrizulta pero’ li fl-20 ta’ Jannar 2002, il-konvenut kien ghadha mill-post fejn sehh l-incident. Huwa lanqas ma kkontesta li ghadda mill-post fejn sehh l-incident fil-hin indikat mill-atturi.

5. Xehdu wkoll Paul u Vincenza konjugi Borg li dakinhar ta’ l-incident kienu passiggieri fil-vettura misjuqa mill-attur. Wara li t-Tribunal qies ix-xhieda taghhom, huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-attur hija kredibbli u l-verzjoni taghhom hija korraborata mix-xhieda ta’ Paul u Vincenza konjugi Borg. It-Tribunal qieghed l-iktar jistrieh fuq ix-xhieda li ta Paul Borg li kien konsistenti u ferm preciz fil-verzjoni tal-fatti li ta meta xehed. Dan ix-xhud kien riekeb fis-seat ta’ quddiem tal-vettura Toyota u ddeskriva l-mod kif il-vann misjuq mill-konvenut ghadda minn magembom u laqat il-vettura li kien riekeb fiha u li dak il-hin jirrizulta li kienet wieqfa. Spjega wkoll kif *“ma’ l-impatt jiena rajt l-indicator ta’ quddiem in-naha tax-xellug ittir minn fuq il-karrozza tan-neputi D’Alfonso. L-indicator spicca f’nofs it-triq”* u li fil-hin li sehh l-incident ma kienx hemm vetturi ohra fil-vicinanzi tal-vettura Toyota Tercell. Jirrizulta li l-vann ma waqafx u l-attur baqa’ jsegwih sakemm hadu n-numru ta’ registrazzjoni tieghu [ara xhieda ta’ Vincenza Borg].

Ma jistax ma jissemmix ukoll li:

-  il-pulizija li nvestiga l-kaz ma rax il-vann JAI 297 dakinhar ta’ l-incident;

-  il-hsara li saret ma kenitx hafna u t-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzjoni assoluta li l-fatt li ma kenitx tidher hsara fil-vann ifisser li qatt ma sehh impatt bejn iz-zewg vetturi. Mhux l-ewwel darba li jsehh incident u wahda mill-vetturi ma ggarrab l-ebda hsara.

It-Tribunal huwa sodisfatt li mill-provi li tressqu l-atturi rnexxielhom jippruvaw fuq bazi ta’ probabbilta li l-incident

in kwistjoni sehh u li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-akkadut.

6. B'riferenza ghall-quantum ta' danni, dawn jirrizultaw ippruvati u f'kull kaz ma saret l-ebda kontestazzjoni f'dan ir-rigward.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta' u jddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u disgha liri Maltin u sitt centezmi (Lm309.6), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------